MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## TONIO MALLIA

Seduta tat-3 ta' Lulju, 2003

Citazzjoni Numru. 345/2002/1

**Joseph Baluci**

**vs**

**Bernardine sive Bernie Mizzi ezercitanti l-kummerc taht l-isem St. Martin's College**

**Il-Qorti;**

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-attur fis-26 ta' Marzu, 2002, li in forza taghha, wara li ppremetta:

1. Illi permezz ta' kuntratt datat 25 ta' Lulju 2000 ffirmat bejn l-attur u l-konvenuta Bernie Mizzi in

rapprezentanza ta' St.Martin's College, l-attur kellu jaghti s-servizzi tieghu bhala *full time teacher* ghal zmien determinat ta' sentejn b'effett mit-18 ta' Settembru 2000 u dana kif jirrizulta mill-anness Dok. A;

2. Illi l-konvenut *nomine* unilateralment u minghajr il-kunsens tal-attur itterminat l-imsemmi kuntratt fl-14 ta' Settembru , 2001 u dana minghajr ebda raguni valida fil-ligi;

3. Illi dan l-agir dapparti tal-konvenuta jammonta ghall-ksur tal-obligazzjonijiet kuntrattwali assunti permezz tal-imsemmi kuntratt Dok.A mill-istess konvenuta;

4. Illi ghalhekk l-ammont ghall-perjodu bejn Settembru 2001 u Awissu 2002 ta' salarju, bonus u kontribuzzjonijiet dovuti lill-atturi *ai termini* tal-imsemmi kuntratt Dok. A huma dovuti lill-attur;

Talab ghalhekk l-attur sabiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara illi l-kuntratt ta' servizzi ghall-zmien determinat Dok. A gie terminat unilateralment mill-konvenuta minghjar ebda raguni valida fil-ligi;

2. Tikkundanna lill-konvenuta thallas lill-attur is-somma ta' hamest elef sitt mija u tmienja u disghin Lira Maltin (Lm5,698) rapprezentanti sena salarju, bonus u kontribuzzjonijiet dovuti lill-attur *ai termini* tal-kuntratt Dok. A ghall-perjodu bejn Settembru 2001 u Awissu 2002;

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja datata 17 ta' Settembru 2001 u bl-imghax legali mid-data tal-prezentata ta' din l-ittra ufficjali sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuta li hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat in-Nota tal-Eccezzjonijiet tal-konvenuta li in forza taghha eccepiet:

1. Preliminarjament, illi ghandha tigi lliberata mill-osservanza tal-gudizzju stante illi l-attur kellu jirreferi l-kwistjoni lit-Tribunal Industrijali li ghandu kompetenza esklussiva biex jiddeciedi kazijiet ta' tkeccija mill-impjieg allegatament ingusti meta l-kaz jikkoncerna kuntratt ghal zmien indefinit u dan ai termini tal-Kap 266;

2. Sekondarjament u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjoni preliminari dan mhux kaz ta' tkeccija ingusta stante illi l-attur kien accetta impjieg alternattiv b'dan illi l-kuntratt li qed jibbaza ruhu fuqu kien xjolt u l-partijiet bdew relazzjoni gdida, liema relazzjoni ma tkomplietx wara li l-attur stess ghazel li ma jkomplix;

3. Fil-mertu u wkoll minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet precedenti, l-pretenzjonijiet ta' l-attur huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-konvenuta kienet gustifikata li timxi mieghu kif imxiet kif jigi spjegat aktar fid-dettal waqt is-smiegh;

4. Finalment, anke jekk din l-Onorabbli Qorti ssib favur l-attur fuq il-merti tal-kaz, l-ammont pagabbli lilu hu limitat ai termini ta' l-Art 34 (11) tal-Kap 135;

5. Bl-ispejjez kontra l-attur.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Semghet il-provi li ressqu l-partijiet;

Rat il-verbal tal-udjenza tal-20 ta' Marzu, 2003, fejn il-partijiet qabelu li f'dan l-istadju l-Qorti tittratta u tiddeciedi l-ewwel eccezzjoni preliminari tal-konvenuta li tolqot il-kompetenza ta' din il-Qorti li tisma' dan il-kaz;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat li din il-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza dwar l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuta;

Ikkunsidrat:

Illi l-attur f'din il-kawza huwa ghalliem bi professjoni, u wara li ghalaq il-hamsa u sittin (65) sena u rtira mill-ingagg li kellu mal-Kullegg ta' San Awligi, dahal f'kuntratt mal-Kullegg ta' St.Martin biex jghallem il-Malti fuq bazi *full-time*. Dan il-kuntratt gie ffirmat fil-25 ta' Lulju, 2000, u kien b'effett mit-18 ta' Settembru, 2000. Il-klawsola tad-durata ta' dan il-ftehim ta' impjieg jghid hekk:

*"The employment agreed herein is of an indefinite duration with effect from the 18th September, 2000, and is subject to six months probationary period."*

Ezatti wara din il-klawsola kien hemm addenda miktuba mill-konvenuta li tghid hekk:

*"Since Mr. Baluci is an experienced teacher, the probationary period is not applicable. Due to Mr. Baluci's age, the contract will be renewed every two years if both parties agree to do so."*

Din l-ahhar addenda hija ffirmata mill-konvenuta biss u ma jidhirx li l-attur inizjalha; l-attur, pero', mhux qed jichad li dik iz-zieda kienet tifforma parti mill-ftehim originali, fil-fatt qed jistrieh fuqha biex jissottometti li, b'rizultat ta' dak iz-zieda, il-kuntratt sar wiehed definit ta' sentejn, imgedded kull darba, bi qbil bejn il-partijiet, ghall-perjodu konsekuttiv ta' sentejn kull darba. Peress li l-attur hadem ghal sena wahda biss, u l-impjieg tieghu gie, wara dik is-sena, terminat, qed jitlob li jithallas is-salarju tat-tieni sena u dana peress li, skond hu, l-Kullegg kien intrabat li jimpjegah, tal-anqas, ghal sentejn . Il-konvenuta tikkontesta din l-interpretazzjoni moghtija lill-kuntratt tal-impjieg, u ssostni li l-kuntratt baqa' wiehed ta' durata indefinita, b'dan li peress li l-attur hu bniedem ta' eta'

avvanzata, qablu li jaraw kif imorru l-affarijiet fuq perjodu ta' sentejn kull wiehed.

Fid-dawl ta' dan, l-ewwel divergenza bejn il-partijiet hija jekk il-kuntratt ta' impjieg in kwistjoni huwiex kuntratt ghal zmien definit jew ghal zmien indefinit. Soluzzjoni ta' din il-vertenza hija importanti ghax minnha tiddependi l-kompetenza ta' din il-Qorti li hi l-mertu tal-ewwel eccezzjoni tal-konvenuta, u dan peress illi fil-waqt li l-Qrati ordinarji ghandhom kompetenza jistharrgu fuq materja ta' terminazzjoni ta' impjieg meta l-kuntratt huwa wiehed definit, din il-kompetenza tispicca f'kaz li l-kuntratt ta' impjieg ikun ghall-perjodu indefinit. (ara decizjoni tal-Onorabbli Qorti tal-Kummerc tal-10 ta' Frar, 1984, fil-kawza "Ebejer vs Staines", dik moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza "Chircop vs Malta Maritime Authority," fil-5 ta' Ottubru, 2001, u d-diversi decizjonijiet anke tat-Tribunal Industrijali stess fejn gie rebadit il-principju li gurisdizzjoni tat-Tribunal Industrijali li tistharreg allegazzjoni ta' tkeccija ingusta tkun radikata biss f'kaz li l-kuntratt ta' impjieg ikun ta' durata indefinittiva; ez. il-kaz bejn Pierre Vella u Hilton International deciz f'Marzu tal-1992; u iehor bejn Joseph Pulis u l-Malta Shipbuilding, deciza fi Frar tal-1981.)

Fil-kaz in ezami, m'hemmx dubju li l-kuntratt printjat kien jikkontempla zmien indefinit, u d-disgwid inqala' peress li fuq il-kuntratt giet mizjuda klawsola fis-sens li l-kuntratt kellu jigi mgedded kull sentejn jekk iz-zewg partijiet jaqblu. Din il-klawsola, skond l-attur, irrendiet il-kuntratt ghall-wiehed definit.

Fil-ktieb "Modern Employment Law" ta' Michael Whincup (6th Ed. 1990 pag.117) jghid li, "*a fixed term contract is one stated to last for a given length of time*". F'dan il-kaz, ghalkemm il-kuntratt jibda biex jghid li hu "*of an indefinite duration*", fl-istess nifs jghid li l-kuntratt "*will be renewed every two years if both parties agree to do so*".

Fil-fehma tal-Qorti, l-kelma uzata “*renewed”* (u mhux, per ezempju, “*reviewed”*) tfisser li l-partijiet kienu qed jikkontemplaw terminazzjoni tal-kuntratt, u la darba hekk kienu qed jikkontemplaw, bil-fors li kienu qed jitkellmu fuq kuntratt li jghalaq. Biex iggedded xi kuntratt, irid ikun hemm zmien stipulat meta dak il-kuntratt jaghlaq, ghax jekk il-kuntratt ikun, fih innifsu, bla terminu u indefinit, m’hemmx x’jiggedded. Huwa, per ezempju kuntratt ta’ enfitewsi temporanju li jigi mgedded jew prorogat u mhux wiehed perpetwu, li mhux kuntratt li hu kontemplat li jaghlaq biz-zmien.

Il-konvenuta tidher li kienet kuntenta bl-akkwist li ghamel il-Kullegg b’ghalliem ta’ esperjenza kbira, pero’, min-naha l-ohra, kienet preokkupata bl-eta’ avvanzata tieghu, li setghet, maz-zmien, taffettwa l-kapacitajiet fizici u mentali tieghu. L-attur, li ried jghin lit-tifla li kienet qed tistudja ghal grad ta’ Ph.D, ried li, tal-anqas, ikollu dhul zgur ghall-perjodu ta’ sentejn, u ghalhekk, fl-interess taz-zewg partijiet, qablu li l-kuntratt u l-ingagg ikun zgur ghal sentejn, u wara jitkellmu biex jaraw jaqblux fuq it-tigdid tal-kuntratt.

Dak li tghid il-konvenuta, u cioe’, li qablu li kull sentejn jaraw kif imorru l-affarijiet, ma jaghmilx sens fil-kuntest ta’ kuntratt indefinit. Kuntratt indefinit ma jistax jigi terminat minn min ihaddem “skond kif imorru l-affarijiet”, izda trid tirrizulta raguni gusta ghat-terminazzjoni ta’ kuntratt ta’ impjieg. Lanqas jista’ jinghad li l-hsieb kien li l-kuntratt ikun jista’ jigi terminat “*if both parties agree”,* ghax hu ovvju li kull kuntratt jista’ jigi terminat bi qbil bejn il-kontraenti, u m’hemmx htiega li tali eventwalita’ titnizzel f’kuntratt, ghax hu ben maghruf li bi ftehim jista’ jinbidel jew terminat kwalunkwe kuntratt. Fuq kollox, dik il-klawzola mizjuda ma saretx f’sens negattiv (li l-impieg jieqaf jekk jaqblu l-partijiet), izda f’sens ta’ tigdid jew pozittiv (li l-impieg jiggedded jekk jaqblu l-partijiet). Il-kuntratt, fi kliem iehor, ma kienx ta’ wiehed bla zmien li seta’ jitwaqqaf biss bi qbil bejn il-partijiet, izda kien

kuntratt bi zmien li seta' jittawwal, "*renewed"*, jekk jaqblu l-partijiet. Il-konvenuta riedet tkopri ruhha li, stante l-eta' avvanzata tal-attur, ma tidholx f'kwistjonijiet jekk l-*output* tal-attur jonqos jew ma jkunx sodisfacenti, u riedet izomm il-possibilita' li tittermina l-impieg minghajr problemi jekk, fic-cirkustanzi, hekk thoss li ghandha taghmel. Biex taghmel dan, ma setghetx tforni lill-attur b'kuntratt ta' impieg indefinit, u minflok ipprovdiet kuntratt definit ta' sentejn li jaghlaq awtomatikament mal-iskadenza taz-zmien, u li hi tkun tista' ggedded biss jekk jidhrilha opportun. L-attur, li l-bzonnijiet tieghu ta' *extra income* kienu mehtiega ghall-skop limitat, accetta dan, ghax it-terminu ta' sentejn kien bizzejjed ghalih biex jghin lit-tifla fil-proggett li dahlet ghalih. Il-partijiet, ghalhekk, hasbu biss fuq "*a given length of time"*, u l-hsieb kien li, gheluq sentejn, jergghu jitkellmu biex jaraw jaqblux fuq "*renewal"* tal-kuntratt.

Il-kuntratt, ghalhekk, kien wiehed ghal zmien definit ta' sentejn, li jiggedded biss ghall-perjodi ohra ta' sentejn f'kaz biss li jkun hemm qbil fuq dan miz-zewg partijiet. Il-fatt li l-kuntratt jikkontempla t-tigdid tieghu b'mod indefinit – dejjem jekk ikun hemm qbil mill-partijiet – ma jfissirx li d-durata tal-kuntratt saret indefinita. Dan it-tigdid ma kienx la awtomatiku u lanqas mandatarju, izda kien jiddependi mic-cirkustanzi tal-kaz u l-volonta' tal-partijiet. Dan gie stabbilit f'decizjoni li tat din il-Qorti fil-kawza "Darmanin noe vs Farrell", deciza fit-30 ta' Marzu, 1993, u fil-kaz bejn Francis Said u Medserv Ltd, deciz mit-Tribunal Industrijali fit-12 ta' Marzu, 1999.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, wara li tiddikjara li l-kuntratt ta' impieg in kwistjoni kien wiehed ghal zmien definit, tichad l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuta u tiddikjara li din il-Qorti hi kompetenti biex tkompli tisma' u tittratta dan il-kaz.

L-ispejjez ta' dan l-incident jithallsu mill-konvenuta.

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------